# Qassisin f'Raħal Ġdid bejn l-1849 u l-1900

Dr Simon Mercieca



F'dan l-istudju ser inkun qed nippreżenta l-listi elettorali tal-persuni li kienu joqgħodu ġewwa Raħal Ġdid bejn l-1849 u l-1900. Meta wieħed iħares lejn dawn il-listi jinduna li n-numru ta' dawk li setgħu jivvutaw ġewwa Raħal Ġdid kien qed jikber minn sena għal oħra.

Dan juri mhux biss kemm kien hemm żvilupp demografiku, jiġifieri, li l-popolazzjoni f'dan il-post kienet qed tikber iżda wkoll, juri żvilupp kwalitattiv, jiġifieri, in-nies li kienu qed jiġu joqogħdu hawn kellhom livell għoli ta' edukazzjoni. Jekk wieħed iqabbel il-popolazzjoni ta' Raħal Ġdid ma' dik ta' Ħal Tarxien, isib li Ħal Tarxien kellu aktar nies, iżda proporzjonalment, inqas votanti.

Dan ifisser li n-nies tal-iskola kienu qed imorru joqogħdu f'din il-lokalità. Fis-sena 1880, id-distrett li minnu kien jagħmel Raħal Ġdid kien magħruf bħala l-ħdax-il distrett elettorali u kien jinkludi fih lil Ħal Qormi, Ħal Luqa u Ħal Tarxien.[1] In-numru u l-format tad-distretti kienu jinbidlu. Oriġinarjament, Ħal Tarxien, Raħal Ġdid, Ħal Qormi u Ħal Luqa kienu magħrufa bħala l-ħames distrett. Fl-aħħar tas-seklu, jiġifieri fis-sena 1899, Raħal Ġdid u Ħal Tarxien ma baqgħux ma' Ħal Luqa u Ħal Qormi iżda bdew jagħmlu parti mad-disa' disrett u kien hemm magħhom Ħal Għaxaq, Gudja, Chircop, Żurrieq, Safi u Qrendi.

Kif ġa għedna, Raħal Ġdid kellu popolazzjoni iżgħar minn Ħal Tarxien, iżda proporzjonalment kellu aktar votanti. L-aħħar tas-seklu dsatax, anki f'termini ta' numri assoluti, kellu aktar votanti minn Ħal Tarxien.[2] Dan ifisser li f'dan il-post kellek nies li kienu soċjalment superjuri kemm finanzjarjament u fuq livell ta' edukazzjoni. Ma hemmx dubju li l-edukazzjoni għenet biex wieħed javvanza finanzjarjament 'il quddiem. Dawn id-differenzi kienu jidhru ċar, anki jekk qed nitkellmu fuq l-istess parroċċa. Ħafna nies mill-Kottonera, speċjalment Bormliżi, kienu qed jinżlu joqogħdu hawn, speċjalment dawk li kienu javvanzjaw soċjalment u finanzjarjament. Dawn kienu qed ifittxu li jiġu joqogħdu f'Raħal Ġdid, post li kien qed joffri djar kbar jew spazji miftuħa fejn wieħed seta' jibni d-dar tal-ħolm tiegħu.

Minħabba, it-tul ta' dawn il-listi, mhux ser inkun qed nitkellem fuq kull personaġġ importanti li jidher fihom. F'dan l-istudju ser nitkellem biss fuq il-qassisin li kien hawn jgħixu f'din il-lokalità. Dwar nies oħra importanti li kien hawn f'Raħal Ġdid nitkellem fi studju ieħor. Iżda bħal ma wieħed jista' jara, ġew ikkunsultati numru ta' gazzetti tal-gvern li kienu jġibu l-lista tal-irġiel li kellhom id-dritt għall-vot f'dik il-ħabta. Dawn riedu jkunu fuq il-25 sena u jkollhom ċertu dħul jew iħallsu ċertu ammont ta' kera.

**Dun Pawlu Lauron**

L-ewwel qassis li joħroġ b'mod indirett minn dawn il-listi elettorali hu Dun Pawl Lauron. Dan serva ta' kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Tarxien (u allura anki ta' Raħal Ġdid) bejn l-1865-1875. Hu twieled fil-parroċċa ta' Portu Salvo l-Belt nhar l-4 ta' Diċembru 1825. Ingħata l-isem ta' Antonio, Xaverio, Filippo, Emanuele, Stanislaus, Giuseppe, Paolo u Calcedonio. Il-ġenituri kienu Raymondo Lauron u Angelica Gravagna.[3]

L-att tal-ordinazzjoni tiegħu jagħtih bħala qassis minn Birkirkara. Hu kien ordnat qassis fl-20 ta' Ottubru 1858, wara li kien ġa laħaq avukat. Miegħu kien ġie kkonsagrat qassis Giovanni Camilleri, patri Agostinjan li wara kien sar isqof għal Għawdex.[4] Kull fejn kien, Lauron fittex li jgħallem id-duttrina Kristjana lit-tfal subien u bniet. Dan hu dak li għamel meta kien iservi ta' qassis Birkirkara u dan hu dak li kompla jagħmel fis-snin li serva bħala kappillan ta' Ħal Tarxien.[5] Dan jispjega wkoll għala fiż-żewġ parroċċi imsemmiha ser jiżviluppa kult reliġjuż lejn il-Madonna tad-Duttrina.

Iżda dak li hu ftit magħruf li qarib ta' din il-familja kien jgħix taħt id-dell ta' Santa Ubaldesca. In-nies li kellhom il-vot għall-elezzjoni tal-ewwel kunsill tal-gvern tas-sena tas-sena 1849 kienu ftit. Fost dawn insibu lil Amante Lauron. Il-listi elettorali jkomplu jagħtuna aktar dettalji, inkluż il-post eżatt fejn kien jgħix Amante Lauron, jiġifieri *"Dietro Santa Ubaldesca"* jew *Wara Santa Ubaldesca*. Dan kien il-mod kif kienet magħrufa t-Triq li llum ġġib l-isem ta' Triq Ninu Cremona. Amante Lauron kien jgħix f'waħda mid-djar kbar b'ġonna kbar li kien hemm f'din it-triq f'dik il-ħabta.

Meta qaddes, il-Kappillan Dun Pawl Lauron ġie mogħti bħala li jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birkirkara. Iżda eżattament il-familja kienet tgħix l-Imsida, li parti minnha kienet f'dik il-ħabta mal-parroċċa tal-Porto Salvo tal-Belt u parti oħra ma' Birkirkara. Infatti, meta kien twaqqaf kumitat ċiviku ġewwa l-Imsida fl-1881 biex jieħu ħsieb it-tisbiħ tal-lokal, insibu fost il-membri tiegħi lill-Perit Achille Lauron.[6]

Wara Ħal Tarxien, Dun Paul Lauron kien laħaq Arċipriet tal-Furjana u fi żmien l-arċipretura tiegħu kienet saret il-faċċata l-ġdida tal-Knisja tal-Furjana mill-perit Nikola Zammit. Anki hawn għandna forsi konnessjoni ma' Raħal Ġdid, għaliex dan Nikola Zammit kien joqgħod f'Casal Paula, fi żmien li Lauron kien kappillan ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Fl-1886, Lauron kien sar Monsinjur tal-Katidral u ngħata l-prebenda ta' Għajn Rihana.[7] Hu miet fid-dar li kienet tagħmel parti mill-monasteru magħruf bħala San Calcedonio ġewwa l-Furjana nhar l-10 ta' Mejju 1895. Matul il-perjodu li għamel fil-Furjana, issa bħala monsinjur, hu kien responsabbli mit-trasferiment tas-seminarju mill-Imdina għall-Furjana.[8]

**Dun Pietro Paolo Borg**

Dun Pietro Paolo Borg hu l-ewwel qassis li niltaqgħu miegħu f'dawn il-listi elettorali li qed jgħix ġewwa Raħal Ġdid. Hu ġie ordnat qassis fit-18 ta' Diċembru 1852 u fl-ordinazzjoni tiegħu kien ġie mogħti li hu mill-Belt.[9]

Il-Gazzetta tal-Gvern turi biċ-ċar ir-rabta tiegħu ma' dan il-post. Dan kien qed iservi ta' kappillan tal-Ħabs, għaliex fl-edizzjoni tal-Ġimgħa, 23 ta' Diċembr 1859, jidher għall-ewwel darba ismu. Hu mogħti li qed jogħod ġewwa Corradino, jiġifieri kien residenti fil-ħabs. Hu baqa' joqgħod fil-ħabs sa ftit wara s-sena 1862, għaliex fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tal-1865 insibuh issa li qed joqgħod fi *Strada Loggia* jew kif nafuha llum bħala Triq l-Arkata. Iżda mis-sena l-1870, nerġgħu insibuh li qed joqgħod il-ħabs. Ismu jingħata bħala residenti *"in prigione di Corradino"*. Il-kappillan tal-ħabs kellu r-residenza privata

tiegħu ġewwa l-ħabs. L-aħħar darba li jidher ismu fil-listi elettorali kien f'dik tas-sena 1883.

**Monsinur Dun Francesco Caruana DD**

Dun Francesco Caruana jidher għall-ewwel darba bħala residenti ġewwa Raħal Ġdid fil-lista elettorali tad-9 ta' Awwissu 1870. Dun Francesco Caruana kien oriġinarjament minn l-Isla.[10] Meta qaddes fit-18 ta' Diċembru 1841 kien mogħti bħala Senglean. Fir-reġistri elettorali, Dun Francesco Caruana nsibuh joqgħod numru 3, Triq Ħal Tarxien, li f'dan il-perjodu kienet għadha parti minn Raħal Ġdid. Illum din il-parti tagħmel ma' Ħal Tarxien. Mil-listi elettorali tal-1888 lil dan Dun Francesco Caruana, insibuh indirizzat bħala monsinjur. Hu kellu l-ittri DD wara ismu, li kien ifisser li kien Duttur fit-Teoloġija. L-aħħar darba li jidher fil-listi elettorali kien f'dik tal-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 1889 u ġie mogħti bħala li qed joqgħod f'numru 3, Triq Ħal Tarxien.

**Kjeriku Dun Karm Bologna**

Dun Karm Bologna jissemma għall-ewwel darba bħala residenti ġewwa Raħal Ġdid fir-reġistru elettorali tal-10 ta' Awwissu 1883. Oriġinarjament, hu kien min-Nadur Għawdex. Qatt ma kien sar qassis, iżda baqa' fl-istat ta' kjeriku, jiġifieri għażeb li kellu dritt jilbes is-suttana u jagħmel ċerti servizzi ta' talb fil-knisja.



*Il-Kjeriku Dun Karm Bologna – Fundatur tas-Soċjetà De Paule*



*Id-Dar fi Strada Loggia fejn kien jgħix Bologna*

Hu kien ingħata mill-Gvern Kolonjali d-dritt li jamministra l-knisja ta' Santa Ubaldesca. Iżda peress li ma kienx qassis, kellu jfittex is-servizzi ta' qassisin biex iqaddsu u jqarru n-nies tal-inħawi. Hu ġie mogħti li qed jogħod 8 *Strada Loggia*, li kif rajna kienet Triq l-Arkata. Mil-lista tal-votanti tal-11 ta' April 1898, insibu lil Dun Karm Bologna qed joqgħod f'numru ġdid, jiġifieri 22. Wisq probabli biddel ir-residenza tiegħu iżda wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li kien hemm numerazzjoni ġdida tad-djar ta' din it-triq.

**Dun Ġużepp Busuttil**

Il-gazzetta tal-gvern ta' nhar it-8 ta' Diċembru 1888 tagħtina isem ta' qassis ieħor li qed jgħix ġewwa Raħal Ġdid. Dan kien jismu Dun Ġużepp Busuttil. Fil-lista tal-ordinazzjonijiet hu mogħti bħala minn Bormla. Sar qassis fis-6 ta' Diċembru 1874 u kkonsagrah l-isqof

Antonio Grech Delicata, li kien l-isqof ta' Għawdex.[11] Lil Dun Ġużepp insibuh qed jgħix f'numru 44 f'post imsejjaħ *"Nel Macello"*. Il-kelma *Macello* tfisser biċċerija. F'dik il-ħabta kien hemm żewġ biċċeriji ġewwa Raħal Ġdid. L-ewwel waħda kienet dik li llum tinsab f'Albert Town. F'dan il-perjodu, din iż-żona kienet parti minn Raħal Ġdid. Infatti, il-listi elettorali għal Raħal Ġdid jagħtuna persuni li kienu jgħixu f'*Jetties Wharf*, jiġifieri fejn illum jinżammu l-immigranti irregolari ġewwa l-Marsa. Il-konfini ta' Paola kienu jaslu sa fejn illum hemm is-Salib tal-Marsa! It-tieni waħda kienet tinsab fejn illum hemm Mater Boni Consigli street faċċata tal-ġenb t'isfel tax-Screiber. Din kienet biċċerija fejn jinqatlu u jinħarqu ż-żwiemel. Hija ma kinetx kbira ħafna, forsi id-daqs ta' tomna. Din il-biċċerija kienet tfarrket fit-Tieni Gwerra. Inċidentalment, f'din il-parti, li kont tidħol għaliha permezz ta' sqaq kienu joqogħdu l-ġenituri ta' wieħed mill-Presidenti tal-Banda De Paule, jiġifieri Carmelo V. Dimech.

Dun Ġużepp Busuttil kien qed jgħix ma' Antonio Busuttil. Dan Antonio insibuh ukoll qed jingħata bħala li qed jgħix *"Nel Macello"*. Dan kien jiġi mnnu mill-qrib u wisq probabli kien ħuh. Peress li l-biċċerija ta' Triq Mater Boni Consigli kienet żgħira, Dun Ġużepp u ħuh Antonio aktarx qed jgħixu fil-Biċċerija tal-Marsa.

Dan il-post Nel Macello kien jeżisti għaliex jerġa' jissemma' fil-lista elettorali ta' 28 ta' Ġunju 1889. Imbaghad, fil-lista elettorali tas-26 ta' Marzu 1892, insibu lil Dun Ġużepp Busuttil qed jgħix f'numru 10 *Via Cospicua*, jew Triq Bormla kif nafuha llum, waqt li Antonio Busuttil kien għadu mogħti bħala li qed joqgħod *"Nel Macello"*. Imbagħad, fil-lista elettorali tal-31 ta' Mejju 1895 naqraw li Dun Ġużepp Busuttil kien qed joqgħod ġewwa Għajn Dwieli.

**Don Alberto Eduardo Farrugia Bugeja DD**

Don Alberto Eduardo Farrugia Bugeja kien ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1881. Hu mogħti bħala li hu mill-Belt Valletta.[12] Fil-lista elettorali mitbugħa nhar il-31 ta' Mejju 1895 insibuh bħala residenti ġewwa Raħal Ġdid. Hu kien iggradwa bħala duttur fit-teoloġija. F'Raħal Ġdid, hu kien joqgħod 56 Strada Loggia. Wisq probabli kien joqgħod fil-parti ta' isfel ta' Triq l-Arkata u wieħed jissuspetta li numru 56 kien f'dik il-ħabta l-Palazz tal-Gran Mastru Perellos li kien għadu ma nbidilx f'kerrejjiet. Dan il-qassis ma tantx dam joqgħod f'Raħal Ġdid għaliex ismu hu nieqes mil-lista elettorali ppubblikata fil-11 ta' April 1898. Iżda ż-żmien tiegħu f'Raħal Ġdid ser ikun determinanti ħafna.

Don Alberto Eduardo Farrugia Bugeja kien ġej minn familja tat-tajjeb. Hu kien magħruf l-aktar bħala Dun Dodu jew Dun Dward. Dun Dodu kien il-bniedem li rabba lil Hannibal Scicluna u kien ħallaslu għall-edukazzjoni tiegħu. Dun Dodu kien assuma r-responsabbiltà kollha tal-edukazzjoni ta' dan it-tifel u minn informazzjoni orali li ksibt, Hannibal Scicluna kien anki qasam fil-wirt mal-familja Farrugia Bugeja.

Fuq kollox, l-altruwiżmu ta' Farrugia Bugeja, jerġa' joħroġ meta hu kien kappillan tal-ħabs. Il-preżenza tiegħu f'Raħal Ġdid, trid tkun assoċjata ma' dan il-perjodu li hu kien għamel kappillan tal-ħabs. Fil-perjodu li kien kappillan, hu kien ipprova jagħti dak li jista' lill-ħabsin, f'perjodu meta l-ħabs ma tantx kien immexxi tajjeb. Hu kien il-persuna li għallem lil Manwel Dimech jikteb u jaqra, għallmu jħobb il-filosofija u l-letteratura u fuq kollox għenu jirriforma ruħu.

Min-naħa tiegħu, Dun Dodu kien għamel karriera fil-militar. Kien sar Kappillan tal-*Army*. Probabilment, il-karriera ta' Hannibal Scicluna u l-affezzjoni tiegħu lejn l-Ingliżi, għandha

l-egħruq tagħha f'dawn l-esperjenzi ma' Dun Dodu. Grazzi għal dawn il-kuntatti ta' Dun Dodu, Hannibal Scicluna seta' anki jsir kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann. L-Imperjaliżmu Ngliż li ser iħaddan Hannibal Scicluna tant kien qawwi, li kien wieħed mill-ftit, li fl-irvellijiet tas-Sette Giogno ma staħax jagħti s-sapport tiegħu lill-Ingliżi u tkellem fil-Kummissjoni ta' Inkjesta kontra l-Maltin!!

Eventwalment meta nqasmu l-beni tal-familja Farrugia Bugeja, waħda mill-werrieta kienet ħalliet il-propjetà tagħha lill-Knisja ta' Kristu Re. Il-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Franġisku Xuereb, kien ġie appuntat amministratur ta' din il-propjetà. Iżda permezz ta' arranġament li kien sar, il-qorti kienet ivvalutat din il-propjetà, u b'hekk bil-flus miġbura minnha, Xuereb seta' jibni wieħed mill-kampnari tal-knisja.

Fil-familja għadu jeżisti kwadru tal-pittra li juri lil dan Dun Dodu liebes ta' kappillan militari u l-kalċi tiegħu għadu fil-familja. Dun Alberto Eduardo Farrugia Bugeja kien laħaq monsinjur. Hu miet fit-13 ta' Mejju 1941, f'7 *Cloisters House* Triq l-Imrabat tas-Sliema fl-età ta' 74 sena u ndifen l-Addolorata fil-Kappella tal-familja Farrugia Bugeja fid-Div. Punent A-H-12.



***Dun Salv Busuttil – ħadem ħafna għal Raħal Ġdid***

**Dun Salv Busuttil**

Dun Salv hu l-aħħar qassis li niltaqgħu miegħu li qed joqgħod f'Raħal Ġdid matul is-seklu dsatax. Hu kien mogħti bħala qassis minn Ħal Tarxien.[13] L-atti pubbliċi jispeċifikaw li dan Dun Salv Busuttil kien twieled iż-Żejtun u ta' eta' żgħira ġie joqgħod f'Casal Paola. Peress li kien niżel Raħal Ġdid żgħir, meta daħal is-seminarju ġie mogħti bħala persuna minn Ħal Tarxien. Kif rajna, f'dan iż-żmien, il-limiti tal-parroċċa ta' Raħal Ġdid kienu parti mill-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Missier Dun Salv kien jismu Giovanni.[14] Isem Dun Salv jidher għall-ewwel darba fil-listi elettorali tas-26 ta' Marzu 1892. Hu ġie mogħti bħala li joqgħod numru 3, *Via Cospicua*. Iżda n-numru tad-dar insibuh jinbidel minn lista għal oħra, wisq prbabli, dan it-tibdil jirrifletti t-tkabbir u ż-żieda fil-bini ġewwa din it-triq. L-aħħar darba li nsibuh f'dan in-numru kien fil-ħarġa tal-31 ta' Mejju 1895. F'dik tal-11 ta' April 1898 insibuh joqgħod f'numru 10, u baqa' jingħata hekk sal-24 ta' April 1899. Fil-listi ta' wara, insibuh li qed joqgħod f'numru 8, dejjem fl-istess triq, jiġifieri Triq Bormla.

Fil-verità, kemm id-dar numru 8 u dik numru 10 kienu tal-familja tiegħu. F'numru 10 kienu joqogħdu oħt Dun Salv, żewġha u tliet xebbiet ħutu. Waħda minnhom saret soru tas-St Joseph. Din kienet waħda mis-sorijiet tal-bidu, meta dawn is-sorijiet ġew ġewwa Raħal Ġdid. Kien jisimha Sor Lukrezja Busuttil. Id-dar numru 8 kienet tinfed mad-dar numru 10. F'din id-dar kienu joqogħdu ħut Dun Salv, is-subien, u xi zijiet tiegħu u żewġ neputijiet, Giov u Lorenzo. Dan Lorenzo kien miet Luxandra matul it-Tieni Gwerra meta kien qed jagħmel xogħol ta' tifi tan-nar wara li vapur taż-żejt kien ġie ittorpidjat. Ħut Dun Salv kellhom kalkara tal-ġir fi Triq Cospicua. Fost ħutu nsibu lil ħuh Lonzu Busuttil li kien joqgħod f'din id-dar.

Hu interessanti li qabel il-ħarġa tas-26 ta' Marzu 1892, ma kien hemm ħadd irreġistrat

fil-lista elettorali li joqgħod ġewwa din it-triq. Wisq probabli, il-familja Busuttil kienet l-ewwel waħda li bniet f'din it-triq. Il-bini kompla tiela' jgħaġġel fl-aħħar diċenju tas-seklu dsatax, bħalma jixhed it-tibdil kontinwu fin-numru tal-bibien tad-dar ta' din it-triq, id-djar komplew tegħlin biex Triq Bormla ħadet il-forma li nafuha llum. F'dan il-perjodu, din it-triq kienet magħrufa min-nies ta' Raħal Ġdid bħala t-Triq taċ-Ċiċri. Il-bini ta' fejn kien joqgħod Dun Salv Busutil m'għadux jeżisti. Floku llum hemm blokka *flats* bil-ħwienet taħtha u garaxijiet warajha.

Dun Salv Busuttil iddedika ħajtu għal Raħal Ġdid. Hu ħabrek ħafna ġewwa Santa Ubaldesca. Kien responsabbli biex Santa Ubaldesca titkabbar u anki ħadem biex Raħal Ġdid issir viċi-parroċċa. Kellu jkun hu l-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa. Iżda baqa' biss bħala amministratur. Infatti meta twaqqfet il-parroċċa kien ġie appuntat amministratur tagħha iżda qatt ma ngħata l-inkarigu ta' kappillan. Din il-kariga ingħatat lil Dun Salv Chircop. Biss dan imur lil hinn mill-perjodu li qed nanalizzaw flimkien bħal issa.



***Triq Bormla magħrufa dak iż-żmien bħala t-triq taċ-ċiċri fejn kienet jgħix Dun Salv Busuttil probabbli fl-ewwel bini f'din it-triq.***

Dun Salv Busuttil kien ukoll l-amministratur tas-Sorijiet tal-Karità li llum jinsabu f'Ħal Tarxien iżda li f'dan il-perjodu kienu jagħmlu parti ma' Raħal Ġdid. Oriġinarjament, din id-dar fejn marru joqogħdu s-sorijiet kellha tkun ir-residenza tal-*White Fathers* tal-Kardinal Lavigerie. F'din il-ħidma kien ħadem ħafna Alfonso Maria Galea li kien il-prokurat tal-*White Fathers* f'Malta. Meta dan il-proġett falla, Dun Salv Busuttil xtara mingħand Alfonso Maria Galea dan il-post għas-Sorijiet tal-Karità. Illum fadal rikordju ta' dawn il-partijiet. Il-persunaġġ iswed impitter fil-kwadru tal-kor ta' Ħal Tarxien, bħala wieħed mis-Slaten Maġi, hu wieħed minn novizzi li l-*White Fathers* kienu bagħtu f'Malta. Dan kien miet wisq probabli mill-mard tad-deni rqiq. Fuq kollox Dun Salv Busuttil kien ukoll serva bħala wieħed mill-prokuraturi tal-Fundazzjoni Barbara ta' Ħal Tarxien. Din kienet titmexxa minn tliet prokuraturi.

Dun Salv Bonnici qatt ma tħallas tax-xogħol li għamel fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien u wisq aktar fil-knisja ta' Santa Ubaldesca. Jingħad li din il-knijsa ta' Santa Ubaldesca kellha ħames imħażen ix-xatt u mill-flus tagħhom kienet tinżamm din il-knisja. Kellha wkoll renti fuq artijiet li kien hemm Kordin. Ġara iżda li dawn l-artijiet u mħażen kien ħadhom il-Gvern Ingliż. Finalment, dan seta' jagħmlu għaliex Santa Ubaldesca kienet f'dan il-perjodu propjetà tal-Gvern. Meta ħa kollox il-Gvern Ingliż, beda jagħti somma żgħira ta' flus għaż-żamma tas-seminarju djoċesan.

Illum hemm ritratt ta' Dun Salv Busuttil fis-Sagristija tal-Parroċċa ta' Raħal Ġdid. Dan ir-ritratt kien fl-uffiċju tad-dar tiegħu u kien ittieħed minn fotografu Taljan li kien ġie Malta

fil-bidu tal-fotografija. Dan il-fotografu beda jieħu ritratti ta' nies distinti. Kien żmien meta l-fotografija kienet qed tieħu post il-pittura. Ir-ritratt kien jittieħed bi ħlas iżda dejjem kien jiswa inqas minn pittura. Grazzi għat-tħabrik ta' Dun Mario Agius, dan ir-ritratt llum jinsab fis-sagristija tal-knisja.

**Riferenzi**


1 *The Malta Government Gazette*, Thursday, 2nd September 1880, pp. 296-297.
2 *The Malta Government Gazette*, 24th April 1899, pp. 432-433.
3 Parroċċa Porto Salvo Valletta, Reġistru tal-Magħmudijiet, D28, vol.15 (1818-1826) p. 534, nru 3.
4 Joe Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000, Ordinazzjoni Saċerdotali li saru fid-Djoċesi ta' Malta u Saċerdoti Malti li ġew ordnati barra minn Malta*, Malta 2001, p.2.
5 Arkivju tal-Katidral, CEM, Con. Vol. 10, f. 184r.v.
6 Joe Calleja, *L-Imsida Il-Bieraħ u Llum*, Vol.2 Veritas Press, 1990, p.113.
7 A(rkivju) A(rċidjoċesi) M(altija). *Canonicati Capitolo Cattedrale*, Vol.2 1873-1879.
8 AAM, *Atti Ċivili del 1895*, f.35.
9 Calleja, p.24.
10 Calleja, p.21.
11 Calleja, p.30.
12 Calleja, p.35.
13 AAM, *Patrimonju Sagru*, No.17a.
14 Ibid.